# QORTI  CIVILI - PRIM' AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**Seduta tas-6 ta' April 2001**

**Rikors Numru 2292/00 GC**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 3540/00**

**Joseph Parnis u Mary Parnis mizzewgin**

**vs**

**Raymond u Jane konjugi Pace**

Il-Qorti

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrenti Raymond u Jane konjugi Pace ppremettew:-

(1) Illi huma gew infromati mill-Bank taghhom illi l-konjugi Parnis intavolaw mandat ta' sekwestru fil-konfront taghhom fejn dawn avvanzaw pretensjoni fl-ammont ta' disat'elef lira maltin (Lm9000), minnhom arbitrarjament kalkolat, in linea ta' danni u penali ai termini tal-Artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12;

(2) Illi din il-pretensjoni hi wahda frivola u ntiza biss biex tivvessa lill-esponenti, u dan ghar-raguni illi l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3761/97/GV ghadhom mhux konkjuzi u l-materja qed tigi mistharrga mill-Perit Tekniku AIC Rene' Buttigieg li qed jikkompila l-provi;

(3) Illi l-provvizorjeta' tal-akkoljiment tal-mandat da parti tal-Qorti ma tekwivalix ghall-akkoljiment definittiv tal-istess mandat u b'hekk il-pretensjoni tal-konjugi Parnis imsejjsa kif inhi fuq il-presuppost tal-"hrug" tal-mandat hi intempestiva u prematura;

(4) Il-fatt imbaghad li l-Qorti ghandha ma ddekretatx ir-rikors taghhom intavolat fit-23 ta' Dicembru 1998 biex tigi mposta garanzija gahll-penali u ghad-danni, dejjem fl-ambitu tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12, ma ghandhiex daqshekk tigi rinfaccjata lill-esponenti. "Mutatis mutandis" japplika r-ragunament illi t-talba ghall-hrug tal-precitat mandat ta' inibizzjoni ghadha ma gietx definita;

(5) Illi l-pretensjoni tal-konjugi Parnis ma tinkwadrax ruhha fuq id-dispost tal-Artikolu 836 (8) galadarba sal-lum il-mandat ghadu ma "nharegx" ghall-esekuzzjoni, u ghalhekk ukoll it-talba taghhom hi intempestiva, jekk mhux ukoll irregolari;

(6) Illi bla pregudizzju ghas-suespost u in subsidium, l-ammont kawtelat bil-hrug tal-Mandat de quo hu esagerat anke ghaliex bazat fuq apprezzament soggettiv u arbitrarju;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu li dina l-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 3540/00, in toto jew in parte, u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u (f) u f'kaz li din il-Qorti thoss li l-imsemmi mandat ghandu jibqa' fis-sehh, li tordna li l-konjugi Parnis igibu garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali, danni u mghax ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12, u f'kaz li dawn jonqsu li jgibu tali garanzija fiz-zmien prefiss lilhom, li tnehhi l-att kawtelatorju msemmi;

Rat ir-risposta tal-intimati konjugi Parnis fejn gie sottomess :-

1. Illi preliminarjament jigi rilevat illi r-rikorrenti pprezentaw fil-mori ta' dawn il-proceduri garanzija bankarja permezz ta' cedola ta' depozitu, u b'hekk ottjenew il-kontromandat appositu. Dan naturalment ma jippregudikax il-fatt li dina l-Onorabbli Qorti tista' tinvestiga jekk l-att kawtelatorja mpnujat setax isir jew le jew tordna t-tnaqqis ta' l-ammont tal-garanzija depozitata jew tiddikjara l-att kawtelatorju kontra l-ligi a tenur ta' l-artikolu 836(7) tal-Kap. 12. Madankollu, dan il-fatt qieghed jingieb a konjizzjoni ta' l-Onorabbli Qorti in vista' ta kwalunkwe varjazzjoni li tista' tkun necessarja fit-talbiet kif proposti mir-rikorrenti, u in vista ta' kwalsiasi imposizzjoni ta' garanzija ghad-danni;

Dwar l-allegata intempestivita' tal-mandat impnujat:

2. Illi fil-qosor, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi fuq il-bazi li d-danni sofferti mill-esponenti, ghalkemm mhux innegati mir-rikorrenti, ma jistghux ikunu oggett ta' talba gudizzjarja a bazi tas-subincizi (8) u (9) ta' l-artikolu 836 Kap. 12 qabel ma "jinhareg" b'mod definittiv il-mandat mitlub fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3761/97GV u dan ghalkemm mhuwiex kontestat illi l-istess mandat mitlub inhareg b'mod provizorju fis-seduta ta' nhar il-Hamis 3 ta' Lulju, 1997;

3. Illi tali ordni ta' hrug provvizorju sar a bazi ta' l-artikolu 873(7) Kap.12 li jiddisponi li: "Il-Qorti tista' ghall-ewwel tohrog dak il-mandat ghal zmien qasir taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li jidhrilha li jkunu jenhtiegu." (enfasi mizjuda). L-esponenti jissottomettu li, jekk kif jidher mir-rikors promotur, u kif irrizulta mit-trattazzjoni preliminari maghmula lill-abbli difensur ta-rikorrenti, it-talba taghhom hija bazata fuq interpretazzjoni restrittiva tal-kelma "hrug", ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-ligi tuza l-kelma "hrug" sija ghal hrug provvizorju u sija ghal hrug definittiv;

4. Illi kieku kellu jkun altrimenti, ir-ragunament tar-rikorrenti jkun iwassal ghall-konkluzzjoni logika li s-subincizi (8) u (9) ta' l-artikolu 836 Kap.12 ma jaghtux rimedju ghad-dannu (ingenti) li jista' jkun talvolta soffert minn min jinhareg kontrih att kawtelatorju fuq bazi provvizorja, konkluzzjoni li zgur li ma tirrispekkjaz il-kontenut ta' l-istess subincizi. Is-subincizi (9) lanqas ma jaghmel l-ebda distinzjoni simili, u jiddisponi testwalemnt hekk: "Fil-kazijiet li jaqghu taht is-subartikolu ta' qabel dan, il-Qorti tista', meta ssirilha citazzjoni mill-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tieghu ikun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setghat garrbet bil-hrug tal-mandat u f'kawzi bhal dawk il-Qorti ghandha tara u tuza l-iskritturi tal-procedimenti ta' l-att kawtelatorju u ta' kull procediment iehor li johrog jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi ghandhom jitqiesu bhala prova ammissibbli ghall-finijiet ta' din l-azzjoni." Dan jinghand minghajr pregudizzju, fil-mertu, ghall-kontenzjoni ta' l-esponenti li r-riferenza kontenuta fis-subinciz (9) ghall-kazijiet li jaqghu taht is-subinciz (8) mhijiex wahda esklussiva u ristrettiva ghal dawk il-kazijiet biss, u li jista' jkun hemm kazijiet ohra li jiggustifikaw talba ghad-danni a bazi tal-principju generali li kulhadd huwa responsabbli ghall-azzijonijiet tieghu;

5. Illi huwa veru li l-ligi taghti r-rimedju alternattiv, f'dan l-istadju, konsistenti fit-talba ghall-garanzija tad-danni u penali. Jigi rilevat madankollu li tali talba ghal garanzija saret u ilha wkoll pendenti diversi snin in atteza tar-rapport peritali tal-Perit Buttigieg, u li fi kwalunkwe kaz tali rimedju ma jipprekludix lill-esponenti milli jfittxu rimedji kawtelatorji alternattivi;

6. Illi finalment dwar dan il-punt, jigi umilment sottomess illi fi kwalunkwe kaz l-eccezzjoni ta' l-intempestivita' tincide fuq il-mertu ta' l-azzjoni attrici b'mod illi kwalunkwe thassir tal-mandat impunjat ikun jippregudika lill-esponenti qabel ma l-istess esponenti ikollhom l-opportunita' li t-talbiet taghhom jinstemghu fil-mertu. Sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun aktar f'posizzjoni li tevalwa l-validita' tat-talbiet attrici fil-mertu, ladarba t-talba tar-rikorrenti ghat-thassir tal-mandat impunjat hija msejjsa proprju fuq allegazzjoni ta' irregolarita' ta' l-istess talbiet fil-mertu, l-esponenti qeghdin jannettu kopja legali tac-citazzjoni fil-mertu, citazzjoni numru 2091/00JRM, bhala "Dok JP1";

Dwar l-allegata vessatorjeta' tal-mandati rispettivi tal-partijiet:-

7. Illi dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-mandat impunjat gie mitlub bi spirtu malizzjuz u vessatorju, dan jigi michud bl-aktar mod kategoriku. Effettivament dan tant mhux minnu li l-esponenti damu tliet snin u erba' xhur qabel ma ntavolaw l-azzjoni taghhom fil-mertu, u dan biss wara li fittxew inutilment ftehim bonarja ghal-limitazzjoni ta' l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni originali. Il-posizzjoni tar-rikorrenti dwar dan kien minn dejjem li jew ikun hemm ftehim globali jew xejn;

8. Illi proprju sabiex jezimu ruhhom minn kull allegazzjoni ta' vessatorjeta', l-esponenti ntimaw lir-rikorrenti permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Settembru, 2000 annessa bhala "Dok JP2" bid-danni li kienu qeghdin isofru u talbuhom sabiex, minghajr pregudizzju jaddivjenu sabiex jigi bonarjament stabbilit kif setghu jigu limitati l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni ottenut mir-rikorrenti minghajr hsara ghat-talbiet tar-rikorrenti fil-mertu. Il-malizzja u l-animu vessatorju tar-rikorrenti johrog proprju mir-rifjut taghhom ta' stedina daqshekk miti u innocenti; fir-risposta taghhom, annessa bhala "Dok JP3", jigi sottomess illi r-rikorrenti esponew l-animu taghhom li juzaw il-mandat minnhom ottenut sabiex jikkostringu lill-esponenti jinnegozjaw u jissottomettu ruhhom biex jevitaw li jkomplu jkabbru d-danni minnhom gia sofferti;

Dwar l-allegata eccessivita' tal-mandat impunjat:-

9. Illi r-rikorrenti qeghdin isostnu wkoll illi l-ammont kawtelat bil-mandat impunjat huwa wiehed esagerat "anke ghaliex bazat fuq apprezzament soggettiv u arbitrarju". Dan mhuwiex minnu. Kif ser jirrizulta waqt is-smigh, l-esponenti nghataw istruzzjonijiet stretti mill-avukati difensuri taghhom sottoskritti sabiex jottjenu prevja kull talba kawtelatorja stima peritali tad-danni sofferti, u kien biss a bazi ta' tali stima li l-esponenti pprocedew bit-talba taghhom;

10. Illi effettivament, kalkolu tat-telf ta' qliegh u mghax soffert irrizulta f'somma ferm eccedenti l-ammont ikkawtelat; filwaqt li l-esponenti appositament illimitaw it-talbiet kawtelatorji taghhom ghas-somma ta' disat elef lira Maltin (Lm9000), proprju sabiex jesimu ruhhom minn kull responsabilita' f'dan ir-rigward, huma ngahtaw parir peritali, anness bhala "Dok JP4", illi d-danni taghhom jammontaw sallum il-gurnata ghal kwazi tnax-il elf lira Maltin (Lm11,840);

11. Illi l-istima annessa lanqas biss tinkludi kawtela dwar is-segwenti:

(i) id-danni strutturali sofferti mill-bini ta' l-esponenti. Dwar dawn, il-perit inkarigat mill-esponenti astjena ruhu hlief f'termini ta' deprezzament kummercjali, izda huwa fatt illi sallum ixxarrab u ssaddad il-hadid tas-saqaf, u qieghed progressivament jixxarrab anke l-ahdid tas-sulari sottostanti. Jekk ghaldaqstant il-mandat originali jibqa' in vigore ghal sena jew sentejn ohra, se jkollha wisq probabilment tinhatt u tinbena mill-gdid l-istruttura kollha;

(ii) id-danni li l-esponenti jistghu ragonevolment jobsru li ser isofru sakemm jigu konkluzi l-proceduri kollha fil-mertu, sija f'termini ta' telf ta' qliegh u mghax, u sija f'termini ta' apprezzament fl-ispejjez tal-bini sabiex jitlesta (jew jinbena mill-gdid). Wiehed jista' konservattivament jispekula li, jekk jinhareg definittivament il-mandat ta' inibizzjoni tar-rikorrenti u ssir kawza fil-mertu, sa ma tinqata' finalment tali kawza d-danni sofferti se kunu lahqu rduppjaw u triplikaw ruhhom;

(iii) il-penali li tista' talvolta tigi mposta a bazi ta' l-artikolu 836 (8), sa massimu ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000);

L-esponenti kienu ghaldaqstant kwazi manjanimi fl-agir taghhom;

Dwar il-garanzija mitluba ai termini tal-art. 838A:-

12. Illi l-imposizzjoni ta' garanzija ai termini tal-artikolu 838A Kap.12 mhijiex awtomatika, izda soggetta ghall-prova ta' "kawza gusta". Ir-ragunijiet migjuba mir-rikorrenti ghat-thassir tal-mandat impunjat, bazati kif inhuma fuq interpretazzjoni artificjali tal-kelma "hrug" zgur li ma jikkwalifikawx bhala kawza gustra ai termini ta' l-artikolu 838A;

13. Illi minghajr pregudizzju, jigi rilevat dwar il-garanzija mitluba, fejn din tikkoncerna danni u mghax, illi din trid tkun relatata ma' kalkolu realistiku ta' danni li jistghu effettivament u realment jigu sofferti. Fil-kaz odjern, l-uniku dannu li jidher li ser isofru r-rikorenti jikkonsistu fl-ispejjez relattivi ghall-ghoti ta' garanzija bankarja, in kwantu l-kapital ta' Lm9,000 ser jibqa' depozitat f'kont bankarju u ser jibqa' jirrendi l-imghaxijiet;

14. Illi dwar il-garanzija mitluba ghall-penali li tista' talvotla tigi mitluba taht l-artikolu 836(8), jigi sottomess illi l-kawza gusta rikjesta tikkonsisti ghallinqas fi prova prima facie li l-mandat ikun intalab b'malizzja, jew li jkun frivolu u vessatorju. L-oneru f'dan is-sens jinkombi ghaldaqstant fuq ir-rikorrenti;

15. Illi finalment jigi rilevat illi l-proceduri fil-kwistjoni prezenti diga wasslu fi stadju ta' garanzija kontra l-garanzija originali mitluba, dik li effettivament qeghdin jitolbu r-rikorrenti hija garanzija kontra l-garanzija tal-garanzija. Jigi sottomess illi fic-cirkostanzi, garanzija ai termini ta' l-artikolu 838A tkun tmur kontra l-ispirtu ta' l-istess artikolu;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhud Perit Rene' Buttigieg prodott mir-rikorrenti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2001;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li l-intimati konjugi Parnis ottjenew il-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju (numru 3540/00) kontra r-rikorrenti konjugi Pace u dana ghad-danni u penali eventwalment naxxenti mill-ottjeniment, b'mod provizorju, da parti tar-rikorrenti konjugi Pace ta' hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. L-imsemmija pretensjonijiet kawtelati bl-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju (numru 3540/00) gew kalkolati, ghal fini tal-istess mandat, fis-somma ta' disat'elef liri maltin (Lm9000);

Fil-presenti proceduri r-rikorrenti konjugi Pace qed jitolbu li tigi ordnata r-revoka tal-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju (numru 3540/00) ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12. Inoltre l-istess rikorrenti qed jitolbu li, f'kaz li l-Qorti thoss li l-imsemmi mandat ghandu jibqa' fis-sehh, jigi ordnat lill-intimati konjugi Parnis li jgibu garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali, danni u mghax ai termini tal-Artikolu 838A dejjem tal-Kapitolu 12;

Ir-rikorrenti konjugi Pace jippretendu li stante li l-proceduri tal-imsemmi mandat ta' inibizzjoni (numru 3761/97/GV) ghadhom ma gewx konkjuzi, l-ottjeniment tal-hrug tal-imsemmi mandat ta' sekwesrtu kawtelatorju hu irregolari. Il-fatt li l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni gie akkolt provisorjament ma jekwivalix ghall-akkoljiment definittiv tal-istess mandat. Ghalhekk il-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju hu intempestiv u prematur. Ghalhekk ukoll, la darba il-mandat ta' inibizzjoni ma giex akkolt definittavament, ghadhom mhux applikabbli l-provedimenti tal-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12. Fl-ahhar nett ir-rikorrenti konjugi Pace ssottomettew sussidjarament li fi kwalunkwe kaz l-ammont kawtelat bil-hrug tal-mandat ta sekwestru in kwestjoni hu esagerat stante li hu bbazat fuq apprezzament soggettiv u arbitrarju;

Ir-rikorrenti qed jinvokaw il-provedimenti tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12. Dawn l-artikoli jipprovdu li mandat kawtelatorju jista jigi revokat in toto jew in parti jekk jintwera li l-ammont mitlub mhux "prima facie" gustifikat jew hu eccessiv. Mandat kawtelatorju jista ukoll jigi hekk revokat jekk jintwera li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz mhux ragonevoli li l-mandat jibqa fis-sehh jew li l-istess att kawtelatorju mhux aktar mehtieg jew gustifikabbli. F'dan ir-rigward jidher li r-rikorrenti qed jissottomettu illi la darba l-mandat ta' inibizzjoni hu biss akkolt provisorjament u mhux definittivament, konsegwentement il-proceduri tal-istess mandat ta' inibizzjoni ghadhom mhux konkjuzi u ghalhekk l-ottjeniment da parti tal-intimati tal-mandat kawtelatroju hu irregolari u imtempestiv;

Ir-rikorrenti jghamlu ukoll referenza ghal-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12, li jipprovdi testwalment li "il-qorti tista tikkundanna lir-rikorrenti li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ..." u dana fil-kazijiet li huma inkluzi fl-istess artikolu. Ir-rikorrenti jissotomettu li dawn il-provedimenti ghadhom mhux applikabbli peress li l-mandat ta' inibizzjoni ghadu ma giex akkolt b'mod definittiv;

Ma jidhirx, pero', li dawn is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ghandhom xi fundament fil-ligi. L-artikolu 873(7) jghati l-poter lill-qorti kompetenti biex takkolji mandat ta' inibizzjoni provizorjament cioe' ghal zmien qasir u taht dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-qorti jidhirla oportuni u xierqa. Ma hemmx dubju li l-effetti u l-kosegwenzi ta' meta mandat ta inibizzjoni jigi akkolt provizorjament huma esattament l-istess bhal meta l-istess mandat jigi akkolt b'mod definittiv. Minn jissubixxi l-hrug tal-mandat sew jekk provizorjament sew jekk definittivament ghandu jieqaf milli jghamel dak li jkun qed jghamel. Id-differenza hi li meta l-mandat jigi akkolt provizorjament iz-zmien li fih ghandu jsehh il-mandat jista jkun qasir u limitat. Ghalhekk il-provedimenti tal-imsemmi artikolu 836(8) huma applikabbli anke meta l-mandat ta' inibizzjoni jkun biss akkolt provizorjament. Minn jissubixxi l-hrug provizorju ta' mandat ta' inibizzjoni jista jsofri danni, anke ingenti, u dan ghandu ir-rimedju tieghu f'dak li hemm dispost fl-istess artikolu 836(8) u (9);

Ghandu ukoll jinghad li zgur li ma jirrizultax li l-mandat kawtolatorju in kwestjoni gie ottjenut mill-intimati b'mod frivolu, malizzjuz jew vessatorju. Lanqas ma jirrizulta li l-ammont kawtelat bl-istess mandat hu eccessiv;

In vista ta' dan kollu it-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jigu akkolti. Lanqas ma ghandha tigi akkolta it-talba sussidjarja tar-rikorrenti fis-sens li l-intimati konjugi Parnis ghandhom jigu ordanati sabiex jgibu garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali, danni u mghax ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12. F'dan ir-rigward ma tirrizultax b'mod sufficjenti kawza gusta sabiex tinghata tali ordni;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Spejjez kontra r-rikorrenti.